**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Gunju, 2020**

**Talba Nru: 349/2019 PM1**

**Citadel Insurance p.l.c. (C21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Karl Mark Pearsall ghan-nom u in rapprezentanza ta' J&K Rentals Co. Ltd. u l-istess Karl Mark Pearsall ghan-nom u in rapprezentanza ta' J&K Rentals Co. Ltd.**

**Vs**

**Shtien Scicluna**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-sitta (6) ta' Novembru, 2019 illi l-konvenut ghandu jigi dikjarat responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi relatati mal-hsara fuq il-vettura AQZ434 u konsegwentement ikkundannat ihallas lill-istess atturi is-somma ta' erbat elef, erba' mija u hamsin euro u erbgha u tletin ccentezmi (€4450.34) in kwantu ghas-somma ta' mija u hmistax-il euro (€115) lis-socjeta` attrici J&K Rentals Ltd u erbat elef, erba' mija u hamsa u tletin euro u erbgha u tletin centezmi (€4435.34)

lis-soocjeta` attrici Citadel Insurance p.l.c. bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali 461/18 u l-imghax legali kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra n-nota tas-socjeta` attrici datata 13 ta' Marzu, 2020 li permezz taghha gie dikjarat li kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet.

Ra li waqt is-seduta tal-lum ir-rapprezentanti legali tal-partijiet ikkonfermaw illi kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet permezz ta' liema l-konvenut kien ser jammetti t-talbiet attrici kif dedotti kontrih filwaqt illi s-somma hekk ammessa bhala dovuta tigi mhallsa minnu permezz ta' pagamenti mensili ta' mitt euro (€100) sakemm tali somma tigi minnu saldata u b'dana li f'kaz li l-istess konvenut jonqos milli jaffettwa pagamenti ekwivalenti ghal imqar zewg skadenzi huwa jiddekadi mill-beneficcju tat-terminu u s-somma dovuta ossija kwalunkwe bilanc rimanenti issir dovuta minnu f'daqqa.

L-istess rapprezentanti legali tal-partijiet talbu lit-Tribunal illi tali ftehim jigi inkorporat fis-sentenza u t-Tribunal laqa' din it-talba.

Sema' wkoll, waqt l-istess seduta tal-lum, l-ammissjoni tal-istess konvenut fir-rigward tat-talbiet attrici dedotti kontrih u l-istess konvenut ikkonferma wkoll bil-gurament tieghu li kien fehem il-ftehim milhuq u jaqbel mieghu.

Ra illi, in vista tas-surreferit, l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi xi jressqu u l-kawza giet posposta ghas-sentenza.

Ikkunsidra l-ammissjoni tal-konvenut u l-ftehim milhuq bejn il-partijiet kif hawn fuq imfisser.

Ikkunsidra wkoll li fir-rigward tal-imghaxijiet, avut rigward ghall-ftehim milhuq dawn ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tal-ewwel interpellazzjoni legali ossija mit-22 t'Awwissu, 2019, data li fiha l-konvenut gie notifikat bl-ittra ufficjali 461/18.

Ghaldaqstant it-Tribunal, in vista tal-ammissjoni registrata mill-istess konvenut, jilqa' t-talbiet attrici kif dedotti u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' erbat elef, erba' mija u hamsin euro u erbgha u tletin centezmi (€4,450.34) bl-

ispejjez kif mitluba, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 461/18, u bl-imghaxijiet mit-22 t'Awwissu, 2019 u dana permezz ta' pagament mensili ta' mitt euro (€100) sakemm tali somma tigi minnu saldata minnu u b'dana li f'kaz l-istess konvenut jonqos milli jaffettwa pagamenti ekwivalenti ghal zewg skadenzi huwa jiddekadi mill-beneficcju tat-terminu u s-somma dovuta ossija kwalunkwe bilanc rimanenti issir/isir dovut minnu f'daqqa flimkien mal-ispejjez u l-imghaxijiet legali mit-22 t'Awwissu, 2019 kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**